**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NUMRU: 2807**

**Kaz Numru: 3808/MF**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn:**

**Olivia Ann Camilleri (Numru tal-karta tal-identita' 292180M)**

**u**

**HSBC Bank Malta plc (C-3177)**

*dwar: allegazzjoni ta' diskriminazzjoni u tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta (constructive dismissal)*

**Illum it-Tnejn 14 ta' Marzu, 2022**

**<u>Chairman: Avv. Martin Fenech LL.D.,Dip.Adv.,Eur.Stud.(Bruges).</u>**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghut lit-Tribunal Industrijali datat 4 ta' Dicembru 2019 fejn qalet li t-tifel taghha kien qieghed ibati minn ADHD u ghalhekk kellha bzonn il-Bank joffri diversi soluzzjonijiet pero' dawn ma kienux tajbin u kienu diskriminatorji ghalhekk kellha titlaq.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi.

Xehedet Olivia Ann Camilleri darbtejn fejn fost affarijiet ohra qalet li minhabba l-problemi medici tat-tifel riedet tahdem sieghat inqas. Saru diversi laqghat pero' dan ma wassal ghal xejn. L-esponenti riedet tahdem four day week waqt li l-Bank riedu li tahdem five day week fuq reduced hours.

Xehedet Catherine Grech li kienet tahdem mar-rikorrenti fejn qalet li l-importanza taghha kien it-tifel u li r-rikorrenti kienet tahdem fuq progett mal-Bank.

Xehedet Stephanie Grech fejn qalet li r-rikorrenti kienet tahdem fuq il-card scheme. Semmiet persuna ohra li jisimha Tanya Piscopo li kienet tahdem four day week mal-Bank pero' kienet f'sezzjoni ohra.

Xehed David Camilleri Operations Manager fejn qal li r-rikorrenti kienet tahdem fil-card section u kien hemm certu ghaggla biex il-progett jitlesta. Sar xi diskors fuq career break tar-rikorrenti u kien hemm it-talba. Minhabba l-ittra taghha wara certu zmien ir-rikorrenti tefghet l-ittra tar-rizenja li kienet harbtet il-Bank ghax ir-rikorrenti kienet impjegata tajba. Pero' l-impjegati li kienu maghzula ghal din is-sezzjoni gja kienu nghataw tahrig u ghalhekk kien bzonn li tkompli tahdem.

Is-socjeta' fl-istqarrija taghha qalet li l-agir taghhom huwa skont il-ftehim vigenti u ma hemmx agir diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jghid li din il-kawza tistrieh fuq l-allegat diskriminazzjoni li garbet ir-rikorrenti bil-konsegwenza li kellha titlaq mix-xoghol dak li bl-Ingliz jghidulu constructive dismissal.

Mill-provi jirrizulta s-segwenti. Ir-rikorrenti kienet qieghda tinsisti fuq reduced working hours billi kienet qieghda titlob a four day week anki bis-sieghat ridotti. Il-Bank kien qieghed jindika li jixtieq li tahdem five day week anki bil-gurnata jew granet ridotti. Jidher li ma kienx hemm ftehim minkejja li l-partijiet kienu kwazi waslu u ma kienux 'il boghod. Hawn it-Tribunal innota l-intervent ta' ufficjali gholi tal-Bank li pprova jaghlaq din il-kwistjoni u jakkomoda t-talbiet tar-rikorrenti u hawn it-Tribunal jinnota l-flessibilta' tal-Bank sabiex jipprova jaghlaq din il-kwistjoni. Wara li ma kien hemmx zvilupp ir-rikorrenti rrizenjat mix-xoghol taghha u telqet lil hemm. Skont ir-rikorrenti din kienet constructive dismissal ghax gaghluha titlaq mix-xoghol.

F'dan l-istadju t-Tribunal jinnota s-segwenti. Irrizulta illi r-rikorrenti kienet qieghed titlob xi haga mhux tas-soltu minkejja li forsi kellha bzonn minhabba n-

necessitajiet tal-minuri taghha. It-Tribunal jinnota li mar-rikjesta tal-Bank li tahdem hamest'ijiem fuq a shortened week ir-rikorrenti kienet tkampa ghax it-tifel minuri kien imur skola u kienet tista tigbru mill-iskola kuljum. Li tiehu gurnata off fil-gimgha kienet xi haga straordinarja ghall-Bank minhabba x-xoghol impenjattiv li r-rikorrenti kellha fil-card section u kellu jitlesta sa certu zmien. It-Tribunal jinnota wkoll li l-Bank ghamel sforz sabiex isolvi din il-kwistjoni pero' minhabba n-natura tax-xoghol taghha kien importanti li tattendi kuljum. B'hekk il-constructive dismissal mhuwiex gustifikat.

It-Tribunal irid jidhol fil-kwistjoni tad-diskriminazzjoni. Jirrizulta illi kien hemm impjegata ohra li kienet tahdem four day week bir-reduced hours u jekk ghalhekk dan l-agir jikkostitwixxi diskriminazzjoni. Il-Bank issottometta li din l-impjegata l-ohra kienet tahdem gewwa sezzjoni differenti li setghet tahdem reduced working hours u gimgha qasira mhux ta' hamest'ijiem. Hawn it-Tribunal jinnota li minkejja huma mpjegati mal-istess kumpanija jezistu diversi sezzjonijiet fl-istess kumpanija. Ghalkemm ma' l-ewwel daqqa t'ghajn jirrizulta li stante li huma mpjegati tal-istess kumpanija u prima facie jidher li giet diskriminata ghax ma nghatatx l-istess kundizzjonijiet ghandu jirrizulta li x-xoghol kien differenti u l-urgenza sabiex jitlesta x-xoghol kien differenti. Lant tax-xoghol fejn kienet tahdem ir-rikorrenti kien ta' certu natura u urgenza u kien progett li kellu jitlesta. Ghalhekk il-Bank principal ma setax jirrilaxxa lir-rikorrenti ma tahdimx dawk is-sieghat imnaqqsa. Pero' mpjegata f'sezzjoni ohra fejn ix-xoghol ma kienx tant pressanti kien gustifikat li tiehu reduced week b'sieghat anqas.

Ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi li f'dan il-kaz ma hemmx kaz ta' diskriminazzjoni kontra l-Bank.

**DECIZJONI**

It-Tribunal Industrijali wara li kkunsidra l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati, ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, jiddikjara li l-HSBC Bank Malta ma kkommettiex diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti u li l-istess Bank ma kkommettiex constructive dismissal fil-konfront tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi billi jichad dan ir-rikors bl-ispejjez jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Għall-finijiet tal-Avviż Legali 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disgħin euros (€93).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**(iffirmat)**

Dr Martin Fenech

Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri

Għas-Segretarju